32002R1750

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE, Euratom) Nru 1750/2002
tat-30 ta' Settembru 2002
li temenda r-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru. 260/68 li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet u l-proċedura għall-applikazzjoni tat-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 291 tiegħu,

Wara li kkunsidra il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, u partikolarment l-Artikolu 13 tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru. Regulation 260/68 [1], kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru. 2459/98 [2], għandu jkun emendat biex jieħu kont tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru. 1746/2002 tat-30 ta' Settembru 2002 li jintroduċi, fil-kuntest tar-riforma tal-Kummissjoni, miżuri speċjali biex jintemm is-servizz ta' uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej maħtura f'kariga stabbilita fil-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej [3].

(2) Ir-Regolament (KEE, Euratom. KEFA) Nru. 260/68, kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru. 2459/98, għandu jiġi emendat biex jieħu kont tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru. 1747/2002 tat-30 ta' Settembru 2002 li jintroduċi, fil-kuntest tal-immodernizzar tal-istituzzjoni, miżuri speċjali biex jintemm is-servizz ta' uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej maħtura f'kariga stabbilita fil-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea [4].

(3) Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru. 260/68, kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru. 2459/98, għandu jiġi emendat biex jieħu kont tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru. 1748/2002 tat-30 ta' Settembru 2002 li jintroduċi, fil-kuntest tal-immodernizzar tal-istituzzjoni, miżuri speċjali biex jintemm is-servizz ta' uffiċjali maħtura f'kariga stabbilita fil-Parlament Ewropew u ta' persunal temporanju li jaħdem fil-Gruppi Politiċi tal-Parlament Ewropew [5],

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-sittax, is-sbatax u t-tmintax inċiz li ġejjin għandhom ikunu miżjuda ma' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru. 260/68:

"- dawk intitolati għall-*allowance* prevista f'każ ta' terminazzjoni tas-servizz taħt l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1746/2002,

- dawk intitolati għall-*allowance* prevista f'każ ta' terminazzjoni tas-servizz taħt l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1747/2002,

- dawk intitolati għall-*allowance* prevista f'każ ta' terminazzjoni tas-servizz taħt l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1748/2002."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jgħodd fir-rigward ta' kull inċiż miżjud mid-data rispettiva tad-dħul fis-seħħ ta' kull Regolament imsemmi fl-Artikolu 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-30 ta' Settembru 2002.

Għall-Kunsill

Il-President

P. S. MØLLER

---

[1] ĠU L 56, ta' l-4.3.1968, p. 8.
[2] ĠU L 307, 17.11.98, p. 3.
[3] Ara paġna 1 ta' dan il-*Ġurnal Uffiċjali*.
[4] Ara paġna 5 ta' dan il-*Ġurnal Uffiċjali*.
[5] Ara paġna 9 ta' dan il-*Ġurnal Uffiċjali*.